*Parti oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Frar 2018, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) iddikjarat l-appell inammissibbli.

---

**Appell ippreżentat fl-10 ta' Diċembru 2017 minn BMB sp. z o.o. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) fit-3 ta' Ottubru 2017 fil-Kawża T-695/15 – BMB sp. z o.o. vs L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea**

**(Kawża C-693/17 P)**

(2018/C 142/27)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* BMB sp. z o.o. (rappreżentant: K. Czubkowski, radca prawny)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, Ferrero SpA

**Talbiet**

L-appellanti titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġernali (L-Ewwel Awla) tat-3 ta' Settembru 2017 fil-Kawża T-695/15, li ġiet innotifikata lill-appellanti fil-11 ta' Ottubru 2017; u

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' Settembru 2015 fil-Kawża R 1150/2012-3;

sussidjarjament, tannulla s-sentenza u tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali jekk il-kawża ma tkunx fi stat li tiġi deċiża.

L-appellanti titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja, konformement mal-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura:

— tikkundanna lil Ferrero SpA u lill-EUIPO għall-ispejjeż marbuta mal-appell preżenti; u

— tikkundanna lil Ferrero SpA u lill-EUIPO għall-ispejjeż imġarrba mill-appellanti quddiem il-Qorti Ġenerali, u

— tikkundanna lil Ferrero SpA għall-ispejjeż imġarrba quddiem l-EUIPO relatati mad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tinvoka żewġ aggravji.

L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 25(1)(e) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinji Komunitarji ([1]) minħabba żball ta' liġi u żball manifest ta' evalwazzjoni:

i. sa fejn ir-rappreżentazzjoni grafika tat-trade mark preċedenti hija inkluża fid-disinn ikkontestat;

ii. sa fejn it-trade mark preċedenti u d-disinn ikkontestat huma ferm simili; u

iii. sa fejn il-Bord tal-Appell wettaq żball meta kkonstata li kien hemm probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade mark preċedenti u d-disinn ikkontestat.

It-tieni aggravju huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 25(1)(e) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinji Komunitarji flimkien mal-prinċipji ġenerali ta' amministrazzjoni tajba u ta' protezzjoni ta' aspettattivi leġittimi minħabba żball ta' liġi u żball manifest ta' evalwazzjoni meta l-Qorti Ġenerali kkonstatat li r-referenza mill-Bord tal-Appell għall-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 ([2]), fil-punt 33 tad-deċiżjoni tiegħu, tikkostitwixxi sempliċi żball formali li ma kellux influwenza determinanti fuq l-eżitu tal-kawża u li ma huwiex neċessarju li tittieħed inkunsiderazzjoni l-ġurisprudenza nazzjonali dwar ir-reġistrazzjoni internazzjonali preċedenti fl-evalwazzjoni tal-probabbiltà ta' konfużjoni.

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13 Vol. 27, p. 142
([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 2009, L 78, p. 1)

**Appell ippreżentat fl-24 ta' Ottubru 2017 minn Vassil Monev Valkov mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fis-27 ta' Settembru 2017 fil-Kawża T-558/17, Valkov vs Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Bulgarija**

**(Kawża C-701/17 P)**

(2018/C 142/28)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellant:* Vassil Monev Valkov (rappreżentant: K. Mladenova, адвокат)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Bulgarija

B'digriet mogħti fit-22 ta' Frar 2018 il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) ddeċidiet li l-appell kien inammissibbli.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de Galicia (Spanja) fit-3 ta' Jannar 2018 – Modesto Jardón Lama vs Instituto Nacional de la Seguridad Social, Tesorería General de la Seguridad Social**

**(Kawża C-7/18)**

(2018/C 142/29)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Superior de Justicia de Galicia

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Modesto Jardón Lama

*Konvenuti:* Instituto Nacional de la Seguridad Social u Tesorería General de la Seguridad Social

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 48 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi bħala kundizzjoni għall-eliġibbiltà għal pensjoni tal-irtirar antiċipat, li l-ammont tal-pensjoni li għandha tiġi riċevuta għandu jkun ogħla mill-ammont minimu ta' pensjoni li l-persuna kkonċernata jkollha dritt li tirċievi skont din l-istess leġiżlazzjoni nazzjonali, meta l-kunċett ta' "pensjoni li għandha tiġi riċevuta" jinftiehem bħala l-pensjoni effettiva li titħallas unikament mill-Istat Membru kompetenti (f'dan il-każ, Spanja), mingħajr ma tittieħed ukoll inkunsiderazzjoni l-pensjoni effettiva li l-persuna kkonċernata tkun tista' tirċievi abbażi ta' benefiċċji oħra tal-istess natura li jitħallsu minn Stat Membru ieħor jew Stati Membri oħra?